# 70 SENA ILU

## Id-Dumnikani fi żmien l-Aħħar Gwerra

*Kitba Minn Ralph Micallef*

Immorru fi ħsiebna fl-Aħħar Gwerra Dinjija. Fost il-ħafna attakki tal-għadu kien hemm wieħed li sar fid-19 ta' April 1942 – (70 sena ilu). Kien bumbardament ta' bombi mmirati għall-Port il-Kbir. Dakinhar, bomba kbira ġiet qrib il-kampnar ta' fuq (tal-Knisja tagħna), fil-bini tal-kantuniera ta' Triq Merkanti ma' Triq San Duminku. Din kissret il-ħġieġ tal-knisja, il-ħġieġa kbira tan-niċċa ta' San Viċenz u l-ħġieġ tan-niċeċ tal-Ecce Homo, ta' San Ġużepp u tal-Beata Imelda. Ħafna għadhom jiftakru l-miraklu li sar mill-istatwa artistika ta' San Duminku meta bl-istess theżżiża ta' din il-bomba, il-ħġieġa kbira tan-niċċa ta' San Duminku nfetħet waħedha bla ma tkissret u l-istatwa ħarġet fuq il-bradella bir-roti, sa quddiem l-ewwel altar qrib dak ta' San Piju. Ftit jiem wara, fis-27 ta' April, bomba oħra laqtet u ġarrfet għal kollox kemm l-Oratorju tar-Rużarju kif ukoll saru ħsarat kbar lill-oratorju viċin tas-Sagrament Imqaddes. Dawn iż-żewġ Oratorji, jinsabu fil-kunvent, fin-naħa ta' wara tal-knisja.

Niftakru wkoll meta l-bombi laqtu u waqqgħu s-Suq tal-Belt li kien jikkonsisti f'binja ta' travi tal-ħadid. Wieħed minn dawn it-travi kbar spiċċa fuq il-bejt tal-knisja tagħna minkejja li hemm ftit aktar minn tliet kantunieri bogħod. Fil-Belt Valletta ġġarrfu ħafna knejjes u bini ieħor, iżda l-knisja parrokkjali tagħna baqgħet wieqfa fin-nofs qalb dan it-tifrik kollu. Din il-ħaġa timliena b'radd il-ħajr 'l Alla. Waqt din il-qerda kbira fil-Belt, ħafna kienu dawk il-Beltin li marru jgħixu fl-irħula fin-naħa ta' fuq ta' Malta. Iżda xejn inqas minn 21 patri u erba' fratelli kooperaturi, ulied San Duminku, f'dik is-siegħa tal-prova, baqgħu jaħdmu fil-parroċċa.





*Purċissjoni ta' San Duminku għaddejja minn Triq il-Merkanti. Iċ-ċelebrant kien Patri Provinċjal Gius Bajjada OP*

Kien iġġarraf iċ-ċinema Regent (parti mill-parroċċa tagħna) fi Triq Irjali (illum Triq ir-Repubblika). Dakinhar mietu madwar 100 ruħ; hemm kont tara kotra ta' patrijiet Duminikani jassistu u jgħinu biex joħorġu l-iġsma minn

qalb it-tifrik. Id-Dumnikani kienu jagħtu sehem kbir bħala kappillani fl-armata – insemmi fost oħrajn lil Patri Innoċenz Barbara, Patri Karlu Ciantar, Patri Wistin Born, Patri Albert Brincat, Patri Rajmond Formosa. Bħala kappillani man-Navy kien hemm fost oħrajn Patri Bonaventura Aquilina u Patri Pietru Pawl Bajada. Il-Pirjol, il-Professur Patri Serafin Zarb, minħabba dawn il-bumbardamenti spissi u kbar, ħaseb biex iniżżel xi affarijiet prezzjużi (fosthom l-istatwa artistika ta' San Duminku, il-pulptu tal-kewba, xi reġistri) fil-kannierja ta' taħt il-knisja. Ġara li wara ftit taż-żmien dawn l-affarijiet kellhom jerġgħu jittellgħu, minħabba l-ħsara li setgħu jġarrbu billi fil-kannierja kien hemm umdità kbira.

## Purċissjoni bla statwa

Il-festa ta' San Duminku kienet issir xorta waħda; dak iż-żmien fl-4 ta' Awwissu. Biss kienet issir taħt forma aktar komuni u l-purċissjoni flok bl-istatwa kienet issir bl-ostensorju tal-Qaddis u kienet tasal sa Triq l-Arċisqof u lura. Ma nistgħux ninsew lill-ħabrieki kappillan Patri Salv Mifsud, li ta sehem kbir lill-Beltin in ġenerali u lill-parroċċani b'mod partikolari. Flimkien mad-direttur tad-Duttrina, Patri Rużar Spiteri, kienu baqgħu jgħallmu d-duttrina lit-tfal fix-xelters. Fis-26 ta' Lulju 1942 kienet saret il-festa tal-Ewwel Tqarbina li għaliha resqu xejn inqas minn 100 tifel u tifla. Għall-Griżma tal-Isqof kien hemm madwar 200 oħra. L-ispirtu tal-Qaddis Missierna San Duminku kien baqa' ħaj waqt dawn iż-żminijiet meta Malta kienet taħt assedju mill-għadu. Jalla dan l-ispirtu jibqa' ħaj fina sal-aħħar nifs ta' ħajjitna.

Niftakar meta l-familja tagħna, f'dawk iż-żminijiet marret tgħix f'kamra mislufa lilna minn oħt Patri Ġelardu Paris OP f'Misraħ San Duminku. ir-Rabat. F'nofs dan il-Misraħ kien hemm xelter. Darba, waqt il-ħbit tal-għadu, f'dan ix-xelter kien hemm magħna Patri Piju Busuttil OP. Wara dan il-ħbit mill-għadu, Patri Piju sema' lil xi ħadd jgħid li kienet intlaqtet il-Knisja tagħna ta' San Duminku fil-Belt. Għalkemm din l-aħbar ma kinitx vera, Patri Piju, li għal snin twal kien ħadem f'din il-parroċċa, kien ħa xokk kbir, tant li ħassu ħażin. Xi xhur wara miet; nistgħu ngħidu li dik l-aħbar (li ma kinitx minnha) swietlu ħajtu.

# CARMELO ZAHRA

*Daqq meta ksibna l-Eċċellenza*



**Carmelo Zahra, bandist mill-Belt Valletta jidher bil-midalja tar-rebħa wara li ħa sehem mal-King's Own fil-Konkors Internazzjonali tal-Alġier fis-6 ta' April 1912. Bħalma tafu dakinhar il-King's Own rebħet il-Grad ta' EĊĊELLENZA fil-Kategorija A.**
**Ta' min jgħid li dan il-bandist hu missier il-Kavalier Vincent P. Zahra li żgur m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni magħkom il-qarrejja ta' MILL-KAŻIN. Carmelo Zahra kien attiv ħafna l-aktar meta l-Każin kien f'Palazzo Spinola.**